

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba minħabba l-eżami tat-talba għal kumpens tar-rikorrenti minn uffiċċjal taċ-CEDEFOP li kien xhud kontra; ksur tal-Artikolu 11a tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”).
 3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-preżunzjoni ta' innocence fil-kuntest tal-eżami tat-talba magħmula mir-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, kif tikkonferma d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-ilment imressaq abbażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.
 4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-konvenut irretrocēda professionalment u ddeċieda li ma jippromwovix lir-rikorrenti bi ksur tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-prinċipju ta' imparzjalitā.
-

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2020 – 3M Belgium vs ECHA

(Kawża T-160/20)

(2020/C 201/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: 3M Belgium (Diegem, il-Belġju) (rappreżentanti: J.-P. Montfort u T. Delille, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħa:

- tannulla d-deċiżjoni tal-ECHA tas-16 ta' Jannar 2020 (ECHA/01/2020) dwar l-identifikazzjoni tal-aċidu perfluorobutanesulfoniku (PFBS) u l-melħ tiegħu u “l-inklużjoni tagħhom fil-lista ta’ kandidati [lista tas-sustanzi identifikati] għall-inklużjoni eventwali fl-Anness XIV” tar-Regolament REACH⁽¹⁾;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 57 (f) tar-Regolament REACH u fuq il-fatt li l-konvenuta wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni peress li ma ppruvatx li s-sustanza tikkawża effetti serji probabbli fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, inkluż dak tal-prevedibbiltà peress li r-rikorrenti ma kinitx fpożizzjoni li tidentifika jew tivverifika bl-ebda mod id-definizzjoni, il-kriterji u l-fatturi użati mill-ECHA sabiex issostni d-deċiżjoni tagħha.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU 2006, L 396, p. 1.
